QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT : DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 27 T' APRIL 2001

Avviz Nru 1184/99DM

Salvina Camenzuli

vs

Charles Camenzuli u martu Helen

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-attrici ghall-kundanna tal-konvenuti sabiex jizgombraw mill-fond 1B, Windmill Street Valletta stante li qed jokkupah l-istess fond minghajr l-ebda titolu validu fil-ligi.

Ghal kull bon fini l-valur lokatizzju ma jecedix l-hamsin lira Maltin (Lm50).

Bl-ispejjez u l-imghax u l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal- konvenuti fejn eccepew:

1 Preliminarjament illi in il-Qorti mhix kompetenti, ratione materie, biex tisma' l-kax in kwistjoni stante illi l-konvenuti jgawdu titolu ta' kera fuq il-fond in kwistjoni;

2 Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, stante li l-istess attrici ssulokat il-fond in kwistjoni lill-konvenuti bl-accettazzjoni ta' hlas ta' kera;

3 Illi l-attrici m'ghandhiex interess li tressaq din il-kawza stnate illi ma hijiex il-propjetarja tal-fond in kwistjoni;

4 Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat in-nota tal-attrici pprezentata fit-30 ta' Settembru 1999.

Rat in-nota tal-konvenuti pprezentata fil-5 t' Ottubru 1999.

Rat in-nota tar-rikorrenti pprezentata fil-15 ta' Jannar 2001.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Huwa accettat mill-kontendenti illi l-konvenuti huwa fil-pussess ta sular separat fil-fond mikri lill-attrici mill-Awtorita' tad-Djar u li dan is-sular huwa indipendenti mill-kumplament tad-dar, salv l-entrata komuni, u ghandhu servizz separat tal-ilma u elettriku. Inoltre jirrizulta li ilhom f'dan il-pussess ghal zmien twil.

Jirrizulta wkoll li matul dan iz-zmien il-konvenut kien ukoll ikkontribwixxa kemm ghall-akkwist tal-lokazzjoni minn missieru u biex saru anke benefikati fil-fond.

Izda, ghalkemm l-attrici tirrikonoxxi ukoll illi matul dan iz-zmien kollhu l-konvenut kien ukoll jikkontribwixxi nofs il-kera dovuta lis-sid, hija ssostni li dan ma jammontax ghall-sullokazzjoni izda dan il-hlas ghandhu jigi kkunsidrat biss bhala ghajnuna dovuta minhabba r-rispett ta' iben lejn il-genituri.

Billi l-indizji kollha jissuggerixxu li l-hlas ta nofs il-kera kien appuntu kontribuzzjoni tal-konvenuti specifikament marbuta mal-pussess esklussiv taghhom tas-sular imsemmi u li ghalhekk ghandha titqies bhala kumpens tal-konvenuti ghall-parti mill-fond minnhom okkupata, indikattivi dan il-hlas qed isir in ezekuzzjoni ta' ftehim ta sullokazzjoni, jinkombi fuq l-attrici li tipprova li l-hlas huwa purament ghajnuna finanzjarja minn binha u ma kien hemm qatt l-intenzjoni li jigi sullokat is-sular okkupat mill-konvenuti.

Izda l-attrici ma wasletx ghal din il-prova. Anzi jirrizulta li l-ftehim mal-konvenuti kien sar minn missier il-konvenut u c-cirkostanzi kollha, senjatament illi kien appuntu l-istess konvenut li dderiga l-akkwist tal-fond u riparazzjoni tieghu u anke hallas nofs l-ispejjes flimkien ma missieru l-inkwilin.

Ghaldaqstant il-konvenut, fil-konfront tal-attrici, ghandhu jigi kkunsidrat bhala subinkwilin tal-ambjent  tal-fond fil-pussess tieghu u dan jikkostitwixxi titolu validu ta' kera li jiggustifika l-istess pussess.

Ghall dawn il-motivi, tichad it-talba tal-attrici.

Bl-ispejjes kontra l-attrici.

Mag Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep Reg
Civ24